# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2017

Appell Nru: 446/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Justin Zahra**

***Omissis***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra Justin Zahra detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 181087M u *omissis* talli:

F'dawn il-Gzejjer nhar id-9 ta' Settembru, 2007 u fl-erba' xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

a. Assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina (raza tal-pjanta cannabis) f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew li jippromwovu, jikkostitwixxu, jorganizzaw jew jiffinanzjaw l-assoccjazzjoni;

b. U aktar talli bieghu jew xort'ohra ttraffikaw fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Justin Zahra wahdu** talli nhar id-9 ta' Settembru, 2007, u fit-tnax-il xahar ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

c. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

d. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif

sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 3 sub inciz 1 tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

***Omissis* wahdu** talli nhar id-9 ta' Settembru, 2007, u fil-gimghat ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer:

g. Kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 3 sub inciz 1 tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, ai termini tal-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-30 ta' Ottubru, 2014, li biha sabet htija fil-konfront ta' Justin Zahra fuq l-imputazzjonijiet kollha u fil-konfront ta' *Omissis*, illiberatu mill-imputazzjoni ta' assocjazzjoni u traffikar u sabitu hati ta' pussess semplici ta' ecstasy u ghar-ragunijiet hemm moghtija u bl-applikazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) fit-termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 u fil-konfront ta' Justin Zahra kkundannatu ghal piena karcerarja ta' tlitt (3) snin u ghal hlas ta'

multa ta' hamest elef Ewro (€5,000), oltre li ordnat il-konfiska tal-vettura AAN968 u d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala KB 381.2007 kif ukoll fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 ordnat lil Justin Zahra u *Omissis* ihallsu l-ispejjez peritali ammontanti ghal hames mija u seba' Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€507.78) kull wiehed.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Justin Zahra, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-8 ta' Novembru, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu s-sejbien ta' htija u thassarha u tirrevokaha kwantu l-piena u tapplika piena anqas harxa fic-cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell dwar il-piena erogata mill-Qorti tal-ewwel grad, introdott minn Justin Zahra wara li kien misjub hati mill-istess Qorti tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu. Il-lanjanza tal-appellant hija diretta lejn dak li hu jsejjah bhala severa l-piena kominata mill-ewwel Qorti u dwar dan iressaq l-argument li din ma tikkomparax ma' kazijiet ohra ta' simili portata u li l-ewwel Qorti fil-fatt trattat mal-komplici *ommisis*, b'mod ferm aktar legger;

2. Fl-ewwel argument tieghu, l-appellant jghid illi l-ko-akkuzat l-iehor, ghad illi ma nstabx hati tal-imputazzjonijiet aktar serji u ghad illi kien minorenni kien biss sentejn izghar minnu u minkejja dan, ma inghatax piena karcerarja. Jinghad minnufih illi l-ko-akkuzat kien liberat mill-imputazzjonijiet kollha hlief dik ta' pussess ta' pillola wahda tal-*ecstasy*. Dan biss gia jipprovdi raguni ghaliex l-ewwel Qorti trattat b'mod differenti bejn il-ko-akkuzati. *Ommisis* kellu fedina penali nadifa,

kien minorenni u b'hekk kien applikat l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali fil-konfront tieghu, u l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-*pre-sentencing report* maghmul fil-konfront tieghu. Minn naha l- ohra, l-appellant instab hati ta' assocjazzjoni kriminuza, traffikar ta' droga, pussess ta' raza tal-Cannabis, pussess tad-droga Kokaina u Ecstasy. Dak li dwaru nstab hati *ommisis*, oltre li kien minuri huwa ben divers mid-delitti li dwarhom instabet htija fl-appellant u ghalhekk ir-ragunament tieghu ma huwa ta' ebda soljev ghalih;

3. Illi fit-tieni argument tieghu l-appellant huwa zbaljat meta jghid li l-ewwel Qorti erogat dik il-piena minhabba l-fedina penali li kellu l-appellant. L-ewwel Qorti, korrettement ezaminat il-fedina penali tal-appellant qabel ma kkominat il-piena izda mkien ma kkummentat dwar il-kontenut taghha b'mod li jista' issa l-appellant jghid li dik il-fedina sawret il-hsieb tal-Qorti dwar il-piena li kellha tinghata;

4. Jissokta jargumenta l-appellant illi l-istess Qorti li ppresediet kawzi dwar traffikar ta' droga kokaina, eroina jew ecstasy kienet ferm anqas severa fis-sentenzi taghha u rrizerva li jaghmel referenza ghal-gurisprudenza waqt is-sottomissjonijiet orali mid-difensur tieghu. Issa, filwaqt illi l-appellant stess jirrikonoxxi illi l-paraguni huma odjuzi, kif wara kollox ukoll meqjus mill-Qrati taghna, madankollu fis-sottomissjonijiet orali huwa ma ghamel referenza ghall-ebda kaz partikolari. Tajjeb li ssir referenza ghas-sentenzi Ir-Repubblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015 u Il-Pulizija vs Joseph Spiteri 300/2013 App Krim 5.10.2016 u tazzarda zzid din il-Qorti illi fl-ikkalibrar tal-piena il-Qorti tkun qed tara l-kwadru komplet u mhux biss cirkostanza wahda partikolari. Huwa ghalhekk li l-paraguni huma meqjusa odjuzi proprju ghaliex fil-kaz odjern, ma huwiex biss it-tip, l-ammont u l-purita' tad-droga li ghandu jiddetermina l-piena izda hafna u hafna parametri ohra. Fost dawn insibu l-minimu u l-massimu imponibbli, jekk l-piena ta' prigunerija hijiex tassattiva jew le, ic-cirkostanzi li fihom inqabad jitraffika d-droga, il-precedenti, l-aspett

riformattiv, il-hsara kawzata lis-socjeta' b'dik l-azzjoni li taghha nstab hati, l-proporzjonalita' u ragjonevolezza ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz u hafna hwejjeg ohra. Ezaminati l-atti processwali jidher li l-piena kominata mill-ewwel Qorti hija rizultat ta' dawn il-parametri u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun mkichud;

5. Element iehor formanti l-gravami mressaq mill-appellant jirrigwarda t-tul taz-zmien tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti. L-appellant jilmenta li dan kien dovut principalment ghall-prosekuzzjoni li hadet hafna zmien biex tressaq il-provi minkejja li ma kienx wiehed kumplikat. Din il-Qorti ezaminat ukoll l-atti kollha in rigward fejn jemergi illi l-prosekuzzjoni ressqet il-provi kollha taghha fi zmien sentejn. Dan iz-zmien seta facilment kien akkorcjat tenut li x-xhieda tal-prosekuzzjoni xehedu f'qasir zmien izda wiehed mill-esperti nominati fl-*ingenere* dam zmien twil biex jirrelata bil-konsegwenza li l-prosekuzzjoni ma setghetx tiddikjara l-gheluq tal-provi qabel ma kkonkluda dan l-espert. Minn hemm 'l quddiem irrizulta dewmien minhabba indisposizzjoni tal-Qorti dovut l-aktar ghal-impenji urgenti u serji f'kawzi ohra, indisposizzjoni tal-imputati u b'mod partikolari ta' *ommisis* minhabba safar in konnessjoni max-xoghol tieghu u talbiet ghal-differiment minn naha tad-difiza. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, din il-Qorti ma tarax illi d-dewmien ghandu jkun fattur ghar-riduzzjoni fil-piena;

6. L-ahhar ilment imressaq ghal-kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti jirrigwarda n-nuqqas tal-appellant li jibbenefika minn tnaqqis fit-termini tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta. Is-sentenza mertu ta' dan l-appell taghmel referenza ghal-applikazzjoni tal-artikolu 29 fil-konfront biss ta' ommissis. Ezaminati l-atti jemergi illi fl-udjenza tas-17 ta' Mejju 2012 l-ufficcjal prosekutur kien ikkonferma quddiem l-ewwel Qorti li *ommisis* kien jikwalifika ghall-applikazzjoni tal-artikolu 29 izda ma semma xejn dwar l-appellant. Minkejja dan, fis-sottomissjonijiet quddiem din il-Qorti, l-Avukat Generali qabel mas-sottomissjoni tal-

appellant li huwa ukoll ghandu jibbenefika minn dan l-artikolu. Kien ghalhekk jehtieg ricerka fl-atti sabiex ikun mistharreg ghaliex l-ewwel Qorti ma applikatx dan il-provvediment fil-konfront ukoll tal-appellant;

7. Minn dan l-ezami jemergi illi fl-udjenza tal-14.10.2011, l-appellant kien talab differiment sabiex jottjeni dikjarazzjoni mill-prosekuzzjoni dwar l-applikabilita tal-artikolu 29 fil-konfront tieghu. Fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2013, l-prosekuzzjoni ddikjarat illi *ommissis* kien jikkwalifika ghal-artikolu 29 bi tnaqqis ta' zewg gradi. U hawn jidher li isem *ommissis* tnizzel bi zball fil-verbal tas-seduta u dan ghar-raguni illi ma kienx hemm htiega li l-prosekuzzjoni terga tikkonferma li *ommissis* ghandu jibbenefika; li din id-dikjarazzjoni issa hija kwalifikata minn dik dwar *ommissis* meta tindika li ghandu jkun hemm tnaqqis ta' zewg gradi; li l-abbli avukat difensur tal-appellant gia fis-sottomissjoni tieghu tas-27.5.2014 jindika li l-appellent kellu jibbenefika minn dan l-artikolu u issa ukoll l-Avukat Generali fis-sottomissjoni quddiem din il-Qorti jikkonferma l-istess beneficcju. Dan ghalhekk iwassal lil din il-Qorti ghal-konvinciment illi l-appellant kellu jibbenefika mill-applikabilita' tal-artikolu 29 quddiem l-ewwel Qorti u ghar-ragunijiet moghtija *supra*, igifieri li dan sar bi zvista, baqa' ma ha ebda tali beneficcju;

8. Illi ghalhekk hemm lok ghal temperament fil-piena bl-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 u din il-Qorti ser tirriduci l-piena kominabbli b'zewg gradi kwantu l-piena karcerarja u b'nofs kwantu l-piena pekunjarja. Konsegwentement tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata fil-konfront tal-appellant billi filwaqt illi **tikkonfermaha** f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, **tibdilha** f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' prigunerija ta' tlett (3) snin u ghal-multa ta' €5000 u **minflok, tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' sena (1) u disa (9) xhur u ghal-hlas ta' multa ta' elfejn (€2000) euro** u tikkonfermaha fil-bqija.